TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Dr. Greta Apap

vs

Orienta

39/19/MS

16 ta' Ottubru 2019

It-Tribunall

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-8 ta April 2019 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' €705.00, prezz ta' sufan mixtri minghand l-azjenda intimata, liema sufan kien difettuz u ceda wara biss tlett xhur.

Ra illi l-azjenda intimata debitament notifikata ma pprezentatx risposta biex tikkontesta t-talba.

Sema' x-xhieda bil-gurament, inkluz ir-rapprezentant tal-azjenda intimata .

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi u mhux kontestat li fil-21 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrenti xtrat minghand l-azjenda intimata *reclining sofa three seater* ghal prezz ta' seba mija u hames Euro (€705.00). Dan is-sufan gie *delivered* u ghall-ewwel kollox kien jidher sew. Peress illi fid-dar kienu biss tnejn minn nies, dawn kienu juzaw il-gnub u mhux is-seat tan-nofs. Gara pero' illi fi Frar 2019, ir-ragel tar-rikorrenti pogga ghall-ewwel darba fil-porzjoni tan-nofs, u kif ghamel hekk, ceda d-dahar bil-bicca tan-nofs baqghet imdendla. (ara r-ritratti esebiti). Ir-rikorrenti ghamlet kuntatt mal-azjenda intimata li baghtet lavrant fuq il-post sabiex jispezzjona s-sufan. Dana seta' jikkonstata li kien hemm bicca injama mkissra fuq in-naha ta' wara. Ma setghetx tigi identifikata il-kagun ta' dan il-ksur, pero' il-lavrant semma illi x'aktarx dan is-sufan kien jew qala' xi daqqa in *transit* mic-Cina, jew kien difettuz mill-bidu nett. Qal ukoll illi probbabilment is-sufan jigi mibdul. Din pero' ma kenitx l-attitudini tad-ditta tal-azjenda intimata illi mal-ewwel rrifjutat responsabbilita, u qalet li s-sufan kien gie *delivered* f'kundizzjoni tajba u wehhlet f'xi operat tar-rikorrenti.

Madankollu, wara xi zmien offriet illi ssewwi s-sufan a spejjes tal-azjenda intimata, imma r-rikorrenti rrifjutat ghaliex kienet diga' bdiet dawn il-proceduri u dehrilha illi sufan ta' biss tlett xhur ma kellux jigrilu hekk.

Ikkunsidra

Ma hemmx dubju li s-sufan inkiser tlett xhur wara li nxtara wara uzu normali billi tpoggiet persuna fuqha. L-argument ta' Patricial Ellul, rappresentanta tal-azjenda intimata - illi inkiser minhabba li qabez fuqu xi klieb - assolutament ma giex ippruvat. bhalma lanqas ma gie ppruvat illi sar xi uzu hazin mis-sufan in kwistjoni. Bil-gurament taghha, ir-rikorrenti tghid illi dawn il-klieb ma jidhlux f'dik il-kamra partikolari u li s-sufan intuza minnha u mill-partner taghha b'mod normali. Mhuwiex mistenni illi oggett gdid ma jagtix dak is-servizz li jkun ipprestat li jaghti. Sufan qieghed sabiex ipoggu n-nies fuqu u biex id-dahar jinkiser b'dak il-mod li jidher fir-ritratti sinjali illi kien difettuz minn qabel, kif kien gie suggerit lir-rikorrenti mill-lavrant li gie fuq il-post u li ra l-istat u l-kundizzjoni tas-sufan.

Apparti l-fatt illi Patricia Ellul ma kenitx prezenti waqt id-delivery tas-sufan u lanqas wara meta gie spezzjonat, l--argument taghha li kieku s-sufan kien bil-hsara kienu jindunaw huwa argument spekulattiv u ma jfissirx illi dana jkun il-kaz kull darba li hemm il-hsara. Ellul issemmi kaz iehor fejn klijenta xtrat l-istess sufan, sar ilment u accettat li s-sufan jigi msewwi mill-azjenda intimata. F'dan l-ahhar kaz, Ellul tghid li lklijenta kienet ammetiet li s-sufan kienet kissritu hi u Ellul hadet dan l-ispunt billi qalet illi fil-kaz tar-rikorrenti seta' gara hekk ukoll. Hawn ukoll qeghdin fil-kamp spekulattiv. Kif diga inghad, ma hemm l-ebda prova, lanqas fuq il-livell tal-probabbli li s-sufan seta' gie miksur b'xi agir tar-rikorrenti, ir-ragel taghha jew il-klieb li kellha d-dar - li It-Tribunal isibha ferm stramba kif il-lavrant li mar fuq il-post *a tempo vergine* u kkonstata l-hsara ma ngabx biex jixhed, biex almenu jikkonferma o meno, it-tezi ta' naha jew ohra. Ghalhekk jibqa' l-fatt li nxtara sufan gdid u wara tlett xhur hareg diffett serju b'tali mod illi ma jistax jintuza ghall-iskop li nxtara. Dana huwa bizzejjed biex jissodisfa l-kwezit tal-provi ghas-success tal-istanza tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, jaqt'a u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-azjenda intimata li tirrifondi lir-rikorrenti s-somma ta' €705.00. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata. Jordna illi darba jsir il-hlas, l-azjenda intimata tkun tista' tiehu pussess tas-sufan in kwistjoni.

Avv. Michela Spiteri
Arbitru